MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR. PADOVANI JACQUELINE LL.D.

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Numru. 752/2002

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDRA MAMO
VS
ADRIAN (ADRIAN DAVID) BONNICI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Adrian (Adrian David) Bonnici ta’ 24 sena, bin alfred u Carmen Mallia, imwieled Attard fil-15 ta’ Lulju 1978 u residenti Pax Nostra, Triq Lorenzo Gafa, Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 353778M talli f’dawn il-gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, bidversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

a. iffalsifika jew biddel jew uza jew silef jew halla li jig wzat minn persuna ohra, certifikat ta’ sigurta jew certifikat ta’ garanzija that l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta’ vetturi tal-Mutur ghar-riskju ta’ Terzi Persuni bi ksur tal-artikolu 19(1) tal-kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b. Ghamel jew kellu fil-pussess tieghu dokument li jixbah hekk sewwa lil certifikat ta' sigurta jew certifikat ta' garanzija that l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' vetturi tal-Mutur ghar-riskju ta' Terzi persuni bi ksur tal-Artikolu 19(1)(b) tal-kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. Talli hareg certifikat ta' sigurta jew certifikat ta' garanzija meta kien jaf li huwa falz f'xi partikolarita sostanzjali, dan bi ksur tal-artikolu 19(3) u (5) tal-kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

d. Talli uza jew gieghel jew halla lil diversi persuni juzaw vetturi tal-mutur fit-toroq kemm il-darba, ghall-uzu tal-vetturi minn dawn id-diversi persuni, skond il-kaz, ma kienetx issehh polza ta' sigurta jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' vetturi tal-Mutur ghar-Riskju ta' terzi persuni bi ksur ta' l-Artikolu 3(1) tal-kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

e. Talli b'att b'ommissjoni kiser jew ma osservax id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' vetturi tal-Mutur ghar-Riskju ta' terzi persuni bi ksur tal-Artikolu 22(1) u (2) tal-kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

f. Talli ghamel falsifikazzjoni ta' certifikati ta' assigurazzjoni ta' vetturi jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-imsemmija certifikati ta' assigurazzjoni foloz, bi ksur tal-artikolu 185(2) u 186 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

g. Sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

h. Talli ghamel falsifikazzjoni ta' certifikati ta' assigurazzjoni ta' vetturi u xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

i. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm1000 bi hsara ta' diversi

persuni ta’ England Insruance Agency Ltd., u Middle Sea Insurance plc, bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
j. Talli fix-xhur ta’ qabel l-1 ta’ Novembru 2000, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe ha u zamm ghandu flus ta’ diversi klijenti ta’ England Insurance Agency Limited., u Middle Sea Insurance plc., liema hlus gew moghtija lilu bhala sub agent ta’ England Insurance Agency Limited ghal hlas ta’ premiums ta’ diversi poloz ta’ l-assigurazzjoni, liema ammont ta’ flus jeccedi l-Lm1000 liema flus gew fdati u ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, meta kien licenzjat mill-MFSC bhala sub agent ta’ England Insurance Agency Limited u dan bi ksur tal-Artikoli 293 u 294 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
k. Talli kiser jew naqas li jhares xi disposizzjonijiet ta’ l-Att dwar Brokers fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji, kap 404, u l-Artikolu 30(2) ta’ l-Att dwar il-Kummerc ta’ l-Assigurazzjoni kif applikabbli skond l-Artikolu 49 ta’ l-istess Att, bi ksur ta’ l-Artikolu 47(1) (a) tal-kap 404 tal-Ligijiet ta’ Malta.
l. Talli kiser jew naqas li jhares xi regoli jew regolamenti maghmuila that l-Att dwar Brokers fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji ohra, barra minn regoli jew regolamenti li dwarhom kienu preskritti penalitajiet amministrattivi taht il-paragrafu (d) fis-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 3 ta’ l-istess att, bi ksur ta’ l-Artiolu 47(1) (b) tal-kap 404 tal-Ligijiet ta’ Malta.
m. Naqas li jhares xi ordni legittimu jew htiega legittima ta’ l-awtorita’ kompetenti bi ksur ta’ l-Artikolu 47(1)(d) tal-kap 404 dwar Brokers fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji ohra.
n. Talli naqas li jhares xi ordni legittimu jew htiega legittima ta’ xi persuna ohra maghmula that l-Att dwar Brokers fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji ohra u taht xi regoli maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, bi ksur tal-Artikolu 47(1)(f) tal-kap 404 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-11 t'Ottubru 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 19(1)(a), (b), (3), (5), Art 3(1), Art 22(1) u (2) tal-kap 104, Art 185(2), 186, 188, 189, 308, 309, 310(1), 293, 294 tal-kap 9, Art 30(2) ta' l-Att dwar il-Kummerc ta' l-Asigurazzjoni kif applikabbli skond l-Artikolu 49 ta' l-istess Att, Art 47(1)(a) tal-kap 404, paragrafu (d) sub artikolu (3) ta' l-Art 3 ta' l-istess Att, Art 47(1)(b)(d)(f) tal-kap 404 u Art 5 tal-kap 152 u tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation taht il-probation officer Carmen Nygaard ghal perjodu ta' tlett snin.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.